



Brussell, 27 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10742/22

Fajl Interistituzzjonal:
2021/0218(COD)

ENER 342
CLIMA 327
CONSUM 171
TRANS 453
AGRI 298
IND 263
ENV 678
COMPET 550
FORETS 56
CODEC 1035

NOTA

minn: Segretarjat Ġeneral tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru dok. Cion: 10746/22 +ADD1

Suġġett: Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652
- Dikjarazzjoni minn Spanja

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dikjarazzjoni minn Spanja fir-rigward tal-approċċ ġenerali għar-Reviżjoni tad-Direttiva dwar l-enerġija rinnovabbli kif tinsab fid-dokument ST 10488/22 u diskussa fit-3886 laqgħa tal-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija) li saret fis-27 ta' Ġunju 2022.

DIKJARAZZJONI GĦALL-MINUTI

**DWAR L-APPROĊĊ ĠENERALI TAD-DIRETTIVA DWAR L-ENERĠIJA
RINNOVABBLI**

TRASPORT MARITTIMU

KUNSILL ENERĠIJA, LUSSEMBURGU, 27 TA' ĠUNJU 2022

Spanja tissottolinja l-importanza tas-sinjal politiku qawwi provdut illum bl-adozzjoni tal-approċċ ġenerali tal-Kunsill dwar id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli taħt il-Presidenza Franċiża. Dan huwa pass ewlioni lejn il-kisba tal-miri u l-impenji ambizzjużi tal-UE dwar il-klima u l-enerġija, filwaqt li jaċċellera t-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili.

Spanja tilqa' s-sinjal ċar għall-aċċellerazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport marittimu, inkluż il-bunkering marittimu internazzjonali. Madankollu, tali proċess għandu jiżgura l-koerenza tiegħu mal-prinċipji kruċjali tal-pakkett “Lesti għall-mira ta’ 55 %”: l-evitar tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, il-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u l-iżgur tas-sigurtà tal-ikel.

F'dan ir-rigward, Spanja jiddispjaċiha dwar il-kontenut tal-premessa 29a u tal-Artikolu 27.1b fit-test fir-rigward tal-kunsiderazzjoni tal-enerġija kkunsmata fit-trasport marittimu, inkluż il-bunkering internazzjonali, għall-kalkolu tal-mira tas-sorsi rinnovabbli fis-settur tat-trasport. L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-mira kwantitattiva għat-trasport marittimu x'aktarx li tikkawża effetti konsegwenzjali mhux mixtieqa li ma ġewx ivvalutati biżżejjed.

Id-dekarbonizzazzjoni tal-bunkering marittimu internazzjonali hija sfida għall-ekonomiji tal-UE minħabba r-riskju għoli ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju f'settur soġġett għal kompetizzjoni ħarxa ma' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, din il-bidla rapida ta' fjuwils sal-2030 tkun teħtieġ volumi kbar ta' bijofjuwils, b'mod partikolari bijofjuwils mhux sostenibbli tal-ewwel ġenerazzjoni, li jimminaw l-isforzi li saru fil-livell tal-UE kontra d-deforestazzjoni importata u t-tibdil indirett fl-użu tal-art, li jirriżulta f'impatt ambjentali negattiv u riskju dejjem akbar għas-sigurtà tal-ikel.

Spanja ser tkompli taħdem biex dan it-ħassib jiġi akkomodat fit-test b'mod immirat fit-trilogi li ġejjin mal-Parlament Ewropew. Barra minn hekk, Spanja titlob li l-Presidenza tal-Kunsill tiżgura li t-test finali jkun kompletament konsistenti mal-prinċipji tal-pakkett “Lesti għall-mira ta' 55 %” enfasizzat hawn fuq.
